KUNSILL REĠJONALI LVANT

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 39

# L-EWWEL LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

It-Tnejn 16 ta' Diċembru, 2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant ltaqa' ġewwa The Notch Conference Centre, Urban Valley Resort and Spa, San Gwann, fil-5:10 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Anthony Chircop – President
Is-Sur Maximillian Zammit – Viċi President u Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa. Helen Gauci – Sindku Għargħur
Is-Sur Charles Selvaggi – Sindku l-Imsida
Is-Sa Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin
Is-Sur Neville Chetcuti – Sindku Gżira
Is-Sur Stefano Savo –Sindku Pieta'
Is-Sa Maryanne Abela – Kunsillier Swieqi
Dott. Kaylon Zammit – Sindku Pembroke
Is-Sur Luke Vella – Kunsillier Birkirkara

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Is-Sur John Pillow – Sindku tas-Sliema

ASSENTI

Is-Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Anthony Chircop, qal talba u presjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

39.1.1 Il-President, is-Sur Anthony Chircop, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittri t'apoloġiji mingħand is-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli, is-Sindku ta' tas-Sliema, is-Sur John Pillow, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu din il-laqgħa.

39.1.2 Il-membri preżenti approvaw dawn l-ittri.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 38 li nżammet nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2024 kienu meħuda bħala moqrija.

39.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku tal-Għargħur, is-Sa Helen Gauci, sekondata mill-Viċi Sindku ta' l-Iklin, is-Sa Yvonne Bartolo.

## 39.3 *Komunikazzjoni mill-President*

- ***Is-Sena Kulturali 2024***

39.3.1 Il-President għamel referenza għaċ-ċerimonja ta' l-għeluq li nżammet nhar il-Ħams 12 ta' Diċembru 2024 fejn irringrazzja lil dawk kollha li kienu preżenti u esprima x'ħasra għal min ma setax ikun preżenti. Hu żied jgħid li kienet okkażżjoni tassew sabieħa u irringrazzja lil dawk li kienu involuti sabiex il-programm kulturali kif ukoll din iċ-ċerimonja kienet ta' suċċess.

39.3.2 ***17:11pm – il-Kunsillier ta' Birkirkara, is-Sur Luke Vella, wasal għal din il-laqgħa.***

39.3.3 Is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sur Charles Selvaggi, spjega kif hu ma setax ikun preżenti minħabba li kien imsiefer pero spjega wkoll kif matul ix-xahar ta' Diċembru kien qed ikun hemm wisq affarijiet għaddejjin u b'hekk tkun aktar diffiċli biex il-persuna tattendi għal kollox.

39.3.4 Il-President fehem dan il-punt pero żied jgħid li din iċ-ċerimonja kellha tingħata importanza minħabba li din l-okkażżjoni ma kienetx ser terġa tinżamm qabel sitt snin oħra meta r-Reġjun jerġa jkollu dan it-titlu. Hu żied jgħid anke l-entużjament għal laqgħat qed jonqos.

39.3.5 Kien hemm diskussjoni qasira bejn il-membri preżenti dwar in-nuqqas ta' attendenza li qed tinħass anke fil-Kunsilli Lokali mill-Kunsilliera.

- ***Aġġornament dwar il-kuntrattur ta' l-iskart***

39.3.6 Il-President informa li s-sitwazzjoni tinsab l-istess pero riċenti dan ir-Reġjun kien irċieva komunikazzjoni mingħand id-Direttur Ġenerali dwar il-penali fuq il-kuntratti li jkunu maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Din il-komunikazzjoni tgħid kif qabel ma ssir penali, r-Reġjuni qed jiġu mfakra li l-ewwel għandu jintalab permess uffiċċjali mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

39.3.7 Is-Sur Chircop żied jgħid li din il-komunikazzjoni ntbagħtet mill-ewwel lill-avukat li qed imexxina fuq dan il-każ fejn ġiet mitluba laqgħa mad-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dawn il-punti jiġu diskussa. Il-laqgħa kienet skedata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Diċembru 2024.

39.3.8 *17:20pm – il-Viċi Sindku ta' Swieqi, is-Sa Maryanne Abela, waslet għal din il-laqgħa.*

39.3.9 Is-Sur Selvaġġi ressaq domanda dwar l-aħħar komunikazzjoni li l-Kunsilli Lokali rċievew dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2025 fejn ġew infurmati li l-ħlas tat-*tipping fees* marbut mal-ġbir tal-iskart ser jibda jingħata lill-Kunsilli Reġjonali u r-Reġjun ma jibqax jitlob ir-rimborż ta' dan is-servizz mill-Kunsilli Lokali.

39.3.10 Il-President ikkonferma din l-informazzjoni u żied jgħid kif għalkemm il-ħlas mhux ser ikun qed jintalab mill-Kunsilli, huwa fakkar li l-Kunsilli xorta waħda għandhom ir-responsabilità li jsegwu l-problemi u jsiru eżerċiżżji neċessarji sabiex l-piż li jinġabar mill-borża s-sewda jkompli jonqos.

39.3.11 Il-membri preżenti espremew kif sfortunatament jekk in-nies mhux ser jintmiss il-flus, l-abbuż ser jibqà jsir.

- *Tnedija uffiċjali tal-proġett 'VR Tours'*

39.3.12 B'referenza għal din it-tnedija, il-President informa lill-membri kif qed isiru l-preparamenti meħtieġa sabiex din tinżamm il-Ġimgħa 17 ta' Jannar 2025. Malli r-Reġjun ikollu konferma dwar din id-data, ser ikun qed jiġi ppreparat l-invit uffiċċjali.

- *Aġġornament dwar il-Proġetti*

39.3.13 Il-President spjega kif il-proġett 'BLUEWAVE', wieħed miż-żewġ proposti sottomessi taħt is-Sejħa INTERREG Euro-Med, ma ġiex magħżul mill-bord. Filwaqt li l-proġett jindirizza suġġett rilevanti għall-Mediterran u juri sħubija territorjali, ma jiddefinixxix b'mod ċar l-ambitu territorjali tiegħu b'rabta mal-għanijiet tas-sejħa. Barra minn hekk, l-allinjament tiegħu mal-missjoni tal-preservazzjoni tal-wirt naturali ma kienx dettaljat biżżejjed, u rriżulta f'punteġġ ta' 6/10.

39.3.14 Is-Sur Chircop żied jgħid kif sadanittant, il-proġett 'WATERISE' ġie sottomess għat-tieni stadju tal-proċess ta' evalwazzjoni. Il-membri ser jiġu aġġornati hekk kif ikun hemm aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

- *SEDEC (Kummissjoni Għall-Politika Soċjali, Edukazzjoni, Impjiegi, Riċerka u Kultura)*

39.3.15 Il-President spjega hekk kif kien diġa diskuss f'laqgħat preċedenti dwar din il-konfernza u kien informa lill-membri kif hu kien esprima li din tinżamm ġewwa Malta u tiġi ikkoordinata minn dan ir-Reġjun. Hu spjega kif fil-bidu ta' Diċembru hu ghamel preżentazzjoni u bi pjaċir ħabbar kif dan ir-Reġjun kien ġie mgħażul biex imexxi din il-konferenza ġewwa Malta f'Ġunju li ġej.

39.3.16 Is-Sur Chircop talab lill-membri sabiex jieħdu nota tad-dati u jżommuhom liberi sabiex ikunu preżenti għal din il-konferenza. Hu fakkar li r-Reġjun mhux ser ikun qed jgħamel spejjeż kbar u kif dan ir-Reġjun ser ikun qed jikkorrdina sabiex ikun hemm *excursion* għal dawn id-delegati. Aktar dettalji dwar din il-konferenza ser ikunu qed jingħatar fix-xhur li ġejjin.

39.317 *17:30pm – il-Viċi President u Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Membri

39.3.1 Is-Sur Chircop informa lill-membri kif għal din il-laqgħa ma kien irċieva l-ebda mistoqsijiet mill-membri.

## 39.5 Rapporti

39.5.1 Il-President ressaq fuq il-mejda kopja ta' l-estimi finanzjarji għas-sena 2025, liema dokument kien ġie sottomess permess ta' emejl lill-membri qabel din il-laqgħa.

38.5.2 Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa, il-president talab għall-approvazzjoni uffiċċjali.

38.5.3 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 39.6 Postijiet Vakanti – Uffiċjal Eżekuttivi Skala 13, FT, EU/Local Funds Manager

38.6.1 B'referenza għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Eżekuttiv, Il-President spjega kif is-sejħa interna kienet għalqet nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024 u peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus u id-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar dan sabiex jitkompla l-proċess. Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru dan ir-Reġjun irċieva lista ta' kandidati eleġibli u din ser tagħlaq illum.

38.6.2 B'referenza għall-pożizzjoni ta' EU/Local Funds Manager, is-Sir Chircop spjega kif is-sejħa interna għalqet nhar il-Ġimgħa 22 ta' Novembru 2024 u peress li ma kien hemm l-ebda applikazzjoni, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Jobsplus u lid-Diviżjoni għal Gvern Lokali dwar dan sabiex jitkompla l-proċess. Nhar il-Ġimgha 6 ta' Diċembru 2024 ir-Reġjun irċieva lista ta' kandidati eleġibli taħt skema 3 mill-Jobsplus u kellhom iċ-ċans li jissottomettu l-interess sal-Ħadd 15 ta' Diċembru.

39.6.3 Is-Sur Chircop żied jgħid kif peress ma kien hemm l-ebda applikazzjoni sottomessa, l-uffiċċju ser jinforma lil Jobsplus u lid-Diviżjoni dwar dan u li dawn is-sejħiet jinħarġu esternament.

## 39.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtiega

- ***Laqgħa ta' Informazzjoni - SEM***

39.7.1 Il-President għamel referenza għal laqgħa interessanti li nżammet permezz ta' SEM fuq livell Reġjonali nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru 2025 ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

39.7.2 Hu rrimarka kif kien hemm attendenza tajba ħafna kemm mill-Kunsilli Lokali kif ukoll mill-għaqdiet tal-lokalitajiet u ħeġġeġ lill-membri sabiex jersqu viċin tagħhom u jitolbu għall-għajnuna tagħhom.

- ***Sena 2025***

39.7.3 Il-President ippropona sabiex is-sena li ġejja r-Reġjun jiffoka aktar fuq l-ambjent bħala s-suġġet ewlieni, fosthom id-diskussjonijiet li diġa bdew minn din is-sena dwar il-widien li jinsabu fir-Reġjun u l-protezzjoni tagħhom.

39.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li matul is-sena ser ikunu qed jinżammu wkoll dawk il-proġetti li saru jsiru annwali fosthom it-tqassim ta' l-istarter pack fl-iskejjel. Ressqet suġġeriment sabiex isir kustum tal-ballottra u jdur fl-iskejjel mal-Maniger biex ikun hemm aktar għarfien dwar din il-ħlejqa.

39.7.5 Is-Sur Max Zammit issuġġerixxa li titalab kwotazzjoni wkoll mis-Sur Abela Galea.

- *Aġġornament fuq l-Uffiċini tar-Reġjun*

39.7.6 Il-President spjega kif wara li s-Segretarju Eżekuttiv kienet kitbet lill-Onor. Zrinzo, hu kien irċieva telefonata dwar dar li tinsab f'tas-Sliema u li jaf tkun addatata għall-uffiċini tar-Reġjun.

39.7.7 Is-Sur Chircop qal kif sar ftehim biex hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Perit tar-Reġjun imorru fuq il-post u jaraw jekk dan l-ispazzju jkunx adekwat.

39.7.8 Hu żied jgħid kif sfortunatament il-post li ġie propost ma kienx wieħed adekwat peress li hu żgħir wisq kif ukoll ma hemm l-ebda parkeġġ speċjalment minħabba li jrid ikun hemm ukoll it-tribunal lokali.

39.7.9 Il-President qal ukoll kif l-arloġġ ta' Pembroke ser ikun qed jerġa jiġi aviċinat flimkien mal-Kunsill ta' Penbroke u talab lill-membri jressqu 'l quddiem proposti ta postijiet li jistgħu jkunu adekwati għall-uffiċini tar-Reġjun.

## 39.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

39.7.1 Il-President ressaq fuq il-mejda l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-membri preżenti.

39.7.2 Is-Sindku tal-Gżira, is-Sa Neville Chetcuti, sekondata mis-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ressqu mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 36A u 36B.

39.7.3 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 39.8 Mozzjonijiet

39.8.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 39.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

39.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-18:12 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025, fil-17:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tnejn 27 ta' Jannar, 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Anthony Chircop<br>President | Jeanette Galea<br>Segretarju Eżekuttiv |